MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. APAP BOLOGNA JOSEPH A. B.A., LL.D.

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 582/2002

**Jane u Alfred Miceli**

**vs**

**Marco u Maria Dolores Calleja**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elf seba' mija u erbgha liri (Lm1,704) kera tal-hanut 192, Triq Villambrosa, il-Hamrun, mill-1 ta' Gunju 2001 sal-31 ta' Lulju 2002 bl-Lm4 kuljum.

Bl-ispejjez u bl-imghax relattiv mid-data ta' l-ittra ufficjali tas-16 ta' Ottubru 2001, bl-ispejjez ta' l-istess, dawk tar-rikors ta' zgumbrament datat 11 ta' Jannar 2002, tal-mandat ta' zgumbrament 9/02, ta' l-ittra ufficjali tad-9 ta' Awissu 2002, u ta' l-ittra legali tat-12 ta' Settembru 2002 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti annessi mal-atti minn fol 2 sa fol 9;

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fit-28 ta' Ottubru 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta' Lm1704.00,0 bl-imghax legali mis-16 ta' Ottubru 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Ottubru 2001, tar-rikors ghall-izgumbrament tal-11 ta' Jannar 2002, tal-mandat ta' zgumbrament numru 9/02, tal-ittra ufficjali tad-9 ta' Awissu 2002 u tal-ittra legali tat-12 ta' Settembru 2002.

Alan Calleja
Dep.Reg